# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaûdex jisûielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisûielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeûûak b'cull xorta ta daûl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Apostolat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Dûardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EÛÛEL SENA. IL ĦAMIS, 9 TA MEJJU, 1912. NRU. 14.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaûħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneû minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Tûissija.

Il ħamis tal gimgħa id-dieħla *Labsi*: mela, scond il pattijet tagħna, dic in-nhar il *Ħabib* ma joħroġx. Dan hu l'aħħar mistrieħ li għandna ma tul l'eûûel sena.

ID-DIREZZJONI.

## L'EVANGELJU
### Insara Cattolici u Insara Protestanti

"L'Evangelju hu *il ctieb tal cotba*—kalilna Cèsare Cantù, Storicu tal Cnisja 'Mkaddsa u Senatur tar-Renju tal Italja, mita chellna ix-xorti li niġu imresskin kuddiemu minn ragel cbir ieħor. Katt ma jista' jinchiteb ctieb bħalu minn bniedem tad-dinja, għax hu mictub bid-dehen t'Alla. L'Evangelju—għall ġmiel, għall għerf, għall kdusija—acbar mil cotba l'oħra collha, li saru u li għad isiru,daks chemm hu Alla acbar mil bniedmin, jigifieri bla kies u bla tarf."

L'Evangelju hu *il Ligi tal insara*: jeû, biex niftehmu aħjar, *ta daûc collha li jemmnu bi Cristu*, imsejjaħ mil Lhud *in-Nasri*, għax chien mil belt ta *Nasar* (chelma 'mgebbda min-nies ta ilsna oħra f'*Nazzaret*, bħalma b'li stess tagħûiġ biddlu ucoll in-*Nasri* f'*Nazzarenu*).

Fi ftit chem, chif bl'ilsna *latini* jissejjħu *Cristiani* daûc li jemmnu bi *Cristu*, hecc bl'ilsna *orientali* min-*Nasar* għandna l'*Insara*, li actarx imissna nictbu *Nsara*.

Għidna *għandna* għax il Malti hu ilsien *oriental*, bħal dac li chien jitchellem Cristu: anzi, ighidu li, fost il ħafna ilsna *orientali*, dac li chien jitchellem Cristu jakbel actar mill'oħrajn mal Malti. U ma ighiduħx il boloħ: chif, mil bkija, jidher ċar f'cull chelma li il Chittieba tal *Ħajja ta Gesù*, jigifieri l'*Evangelisti*, żammeûlna mictuba b'li stess ilsien li ħareġ minn fomm li MGĦALLEM; u ûisk actar mill'ismijet tal Appostli, tal artijet u ta bosta ħûejjeġ ta daûc l'inħaûi. Insemmu tnejn biss: ighid l'Evangelju li Cristu, biex *ikajjem* tifla mejjta, kalilha: *Kumi;* u,band'oħra, li biex ighid lill ûidna ta ûieħed trux u imbicchem *infetaħ*, kalilha: *Effeta.* Humiex bil Malti, għad li mgħaûûgin ûisk mil Chittieba grieghi u latini?... Hecc ucoll insibu li il *ħobż* li chien jitkiegħed ma ġnub it-Tabernaclu tas-Sinagoga chien imsejjaħ *lekem*, bħalma fir-Rħula tagħna ighajjtulu *lokom*, anzi f'xi uħud minnhom tal-bogħod *lekem* għal-collox ; u li *Tumàs* chien lakam, mhux isem, chelma gejja minn *thumi*, li fil lsien ta Cristu tfisser *teûmi*, chif chien tasseû San Tumàs (għal hecc il Grieghi sejjħulu *didamu*, jigifieri *teûmi* bil lsien taħħom).

Imma nerġgħu għal fejn conna, għax aħna, mita nakbdu nitchellmu fuk l'Evangelju, jiġrilna bħall ilma mitluk għan-niżla—icun jaf mnejn telak, imma le fejn jasal......

Conna kiegħdin nghidu li l'Evangelju hu *il Ligi tal insara*, jigifieri *ta daûc collha li jemmnu bi Cristu.* Nistgħu nghidu ucoll li l' Insara, chiecu ighixu chif ighallem l'Evangelju, isiru kaddisin collha: u għad li il cburija—l'eûûel dnub li ûaġġa' il Kalb t'Alla—ma tħallix il bniedem jimxi għall għonk it-triek it-tajjba, hu dmir għall' inkas ta cull nisrani li jakra, u itiegħem, u jixtarr, u jifli, u jarġa jifli il ctieb tal Ligi tiegħu, ûisk iżjed milli 'Mħallef ikalleb il ctieb tal Ligi tad-dinja, għax minnu tigi għaliħ il ħajja jeû il meût ta ruħu.

"Mita tcun krajt l' Evangelju ħamsin darba—ighid ûieħed Għaref—arga' akraħ darb' oħra!" U Patri Curci jissocta: "L' erba' cotba tal Evangelju jindammu flimchien bħassûaba tal idejn: u biex tifhem il ûieħed minnhom seûûa, trid tcun fhimt kabel it-tlieta l'oħra!"

Iżda ma 'rridux nakraû l'Evangelju bħalma jakraûħ il Protestanti!......

Araû x'kabża hemm bejn il Cattolici u il Protestanti, fuk il kari tal Evangelju: u daħħluha tajjeb f'rascom, għax imħabba fiha kiegħdin nictbu dan l'articlu.

Il *Cnisja Cattolica* ma tridx li jigi stampat l'Evangelju bla sensja taħħa: u din is-sensja ma tatiha katt, jecc l'Evangelju ma icunx imsieħeb bit-tifsir tiegħu mgħoddi Minnha. Hi biss,bħala Mgħallma tal verità,għandha il jedd—bis-setgħa mogħtija minn Gesù Cristu lill San Pietru—li tfisser l'Evangelju: u il Cattolici ma jistgħux jitbiegħdu mit-tifsir li tati Hi.

Imma il *Protestanti* (ma nistgħux nghidu il *Cnisja Protestanta*, għax actar hemm *Setet* u frieghi ta *Setet protestanti* milli għandhom cnejjes tal gebel) ma iridux jaraû b'għajnejhom l'Evangelju stampat bit-tifsir tiegħu, għax jidhrilhom li cull-ħadd għandu ifisser l'Evangelju chif jifhmu hu: u hecc nistgħu nghidu li cull Protestant jagħmel *Religjon għaliħ*, mingħajr dic il għakda li hi il kaûûa u il barca tal Cattolici tad-dinja collha. Donnhom, mita jaslu f'daûc il chelmiet tal Evangelju stess, fejn Cristu ighid li għandna incunu *Ragħaj ûieħed u merħla ûaħda*, iniżżlu għal t'apposta għamad fuk għajnejhom!

Issa, li chienu iûebbsu rashom għalihom biss, fiha u ma fihiex! Conna nitolbu ll'Alla jatihom id-daûl, chif hu dmirna nitolbuħ għal cull-min hu fil għama: u nirħulhom ighumu fil baħar taħħom. Imma, le: il *Protestanti* iridu igħarrku lilna ucoll.

F'ħajjet Alla, Maltin *Protestanti* ma haûnx: jeû, jecc xi darba, chemm ilhom l'Ingliżi Malta, chien haûn xi ûieħed, katt ma chien minn daûc li għandhom bżonn jakraû l'Evangelju bil Malti għax ma jafux b'ilsna oħra: u, frattant, il *Protestanti* ilhom fuk *tmenin sena* jitħabtu biex ixerrdu fostna l'EVANGELJU BIL MALTI MINGĦAJR IT-TIFSIR LI TRID MIEGĦU IL CNISJA CATTOLICA.

Għal min iridu jistampaûħ dan l'Evangelju *bil Malti* iccundannat mil Papa ?...

Għalihom, li inkas ma jafu jakraûħ ?...

Jeû biex ifittxu li chiecu ibixclu lilna ?...

Fis-sena 1829, deher l'eûûel darba l'*Evangelju bil Malti,* minghajr it-tifsir li trid il Cnisja Cattolica u *stampat l'Inghilterra* ! Fhimtuha seûûa ?! STAMPAT L'INGHILTERRA ? Imma il Maltin, ulied San Paûl, ma taûhx ûiden: u miet fuk ommu !—Imbaghd, fis-sena 1847, reġghu sâbu min stampahulhom haûn Malta, ghax saħansitra fost l'Appostli chien hemm Ġuda: u dan ucoll baka' sejjer mar-riħ !—Iżda, ma katghux kalbhom: u, imkassmin l'Evangelji f'erba' cotba żghar, anzi 'mseûûijin b'*ortografija* actar mexxejja u imżejjnin bi *stampi* mill'isbaħ, giebuhom lesti minn Londra u mill'America—saħansitra mil-l'America, fis-sena 1872—u bdeû ixerrduhom mat-torok tal bliet bil lejl, jibaghtuhom lil min jidrilhom mal Posta u ideffsuhom minn taħt il bûieb tad-djar ! Dan baka' isir bil-cotra sa 's-sena 1895 u ghadu isir s'issa, ghad li mhux bil ħrara ta kabel, ghax indunaû li ma ghandhomx riħ tajjeb.

Nafu, fl'aħħar nett, li haûn MIN ilu is-snin jitħabat u jonfok il belli flejjes biex jara chif jirnexxilu jarġa jistampa *haûn Malta l'Evangelju bil Malti,* MINGHAJR IT-TIFSIR TAL CNISJA CATTOLICA !

Ghal fejn ? Biex isalvaûlna ruħna jeû biex jitilfuhielna?... Biex iûettkuna fil Fidi ta Cristu, li bakghet haûn dejjem sħiħa daks il blat ta daûn il Gżejjer, chif xandarha Missierna San Paûl, u bla dubju xejn ma ghandhiex bżonn ir-rifda tal *Protestanti* ? Jeû biex jiżirghu il ħaxixa ħażina tan-nukkas tal kima ghat-taghlim tal Cnisja Cattolica ?...

Ghiduħ intom !

## Aħbar tajjba

Nhar Labsi, fil 5 ta ûara nofs in-nhar, tiżżanżan ix-*Xirca Cattolica bejn il ħaddiema u tas-snajja ghall ghajnuna ta xulxin:* u il Cumitat jitma li mill'imsieħbin ma jonkos ħadd. M'hemmx bżonn ta stedin ieħor: l'Imsieħeb juri it-*Tèssera* lil min icun jilka' in-nies fil bieb u jibka dieħel ghal xoghlu—mhux biss nhar Labsi, ghall festa tal ftuħ tad-Dar, imma *dejjem*—ghax min juri it-*Tèssera* (daûc li ghadhom ma ħaduhiex, tcun ghandhom kabel il jum tal ftuħ) jidħol b'xejn iċ-*Cinematografu,* it-*Teatrin* u f'cull *divertiment* ta hemm geûûa.

Il festa tal ftuħ tcun ghall'Imsieħbin: ħadd ma icun mistieden, ħlief xi uħud li ghandhom x'jaksmu max-*Xirca,* jeû ghax kieghdin ighinuha b'xi ħaġa jeû ghax ghandha xi obbligazzjoni lejhom fit-ûakkif taħha.

Il *Palazz Caraffa*—strada Forni, cantuniera ma strada Cristoforo—li, m'illum il kuddiem, icun *Cażin tal Poplu,* taħt l'isem ta CIRCLU SAN GIUSEPP, chif tghid il bandiera li nhar Labsi tibda tbatti fuku—sejjer jara ħaġa ġdida ghall Malta: il ħaddiema u in-nies tas-snajja imħalltin mal akûa u mal aħjar persuni tal Pajjiż, ilcoll imsieħbin fix-*Xirca,* ghad li biċċa biex ighinu u biċċa biex jiġu mghejjuna, seûûa ghall gid tar-ruħ u seûûa ghall gid tal gisem.

Mela, bil ghajnuna t'Alla u tan-nies it-tajjba, niltakghu nhar Labsi, fil 5 ta ûara nofs in-nhar, geûûa il *Palazz Caraffa,* ghal din il festa.

Malli jasal l'Arci-Iskof—*li hu ucoll ûieħed mill'Imsieħbin taghna,* bħalma huma l'Iskof Portelli, il Cbarat tal Cleru u il Capijet tal Cunventi collha—il *Boys Brigade* u il Banda tas-*Sależjani* isellmulu fil bitħa tal Palazz: u, imbaghd, chif jidħol fis-*Sala il cbira*—taraû li hi cbira tas-seû—id-*Direttur Djocesan tal Appostulat tat-Talb,* Patri Ûigi Grech, jatih bit-Taljan il *Merħba bic.*

Minnufiħ il Cor tat-*Tfal ta San Ġacbu,* imsieħeb ma Orchestra ċchejcna, taħt id-direzzjoni tas-Sur Mast Giuseppi Carûana, icanta il ħelu *Ave Maria* ta Gounod: u il Commendatur Ninu Lanzun, President tal Cumitat, jaghmel *Discors* bit-Taljan, fejn jinseġ li storja tax-*Xriechi ghall ghajnuna tal ħaddiema* u ighid ucoll ghaliex u chif saret din ix-*Xirca* haûn Malta.

Ûara dan, l'Arci-Iskof ibierec iċ *Circlu* u jiddichjaraħ *miftuħ*: miftuħ ghal cull gid tal Poplu: miftuħ bil barca t'Alla u bir-rifda tal aħjar nies, mill'Imħallfin u il Barunijet sal iżghar mghallmin u ħaddiema, miġburin hemm flimchien, bi ħsieb ûieħed u b'kalb ûaħda.

Imbaghd, jincanta l'Innu mictub ghal t'apposta (*poeżija* tal Professur Dun Carm Psaila u *mużica* tas-Sur Mast Paûlinu Vassallu) li jigi 'msamma mil Cor u mill'Orchestra li ghedna fuk.

U, chif jispiċċa l'Innu, id-Direttur tal *Ħabib* jaghmel *Discors* bil Malti, fejn, bejn ûieħed u ieħor, ifisser dac l'icun kal il President Lanzun.

Jigi, fl'aħħar, il famus Cor ta Rossini, *Carità*: u il festa tispiċċa b'żeûġ divertimenti: jigifieri, l'eûûel, jiftaħ it-Teatrin, b'*farsa* sabiħa ferm, *Il garofano rosso,* tal Patri Sależjan Ulcelli, li sejjrin jaghmluha katgha ġuvintur, xi uħud minnhom *Studenti tal Università*; u, imbaghd, jżżanżan iċ-*Cinematografu,* biex hecc jiddeverti cull-ħadd.

Tcun l'eûûel darba li iċ *Cinematografu* icollu l'onur jaħdem kuddiem l'Iskof ta Malta, bl'Aûsiljarju tieghu u mijet ta Cbarat u ta Ħaddiema miġburin ma dûaru: u naħsbu li Monsinjur Paċ, maħbub Raghaj ta ruħna u veru ħabib taghna fil bżonnijet collha, ma joħroġx minn hemm minghajr ma isemmaghna il chelma tieghu.

Din tcun il festa tal ftuħ tad-*Dar tal Poplu*: u irridu nittamaû li mill' imsieħbin collha, cbar u żghar, ma jonkosx ûieħed.

Ftehemna, mela? M'hemmx stedin! L'imsieħbin ta cull xorta jiġu f'darhom, bil jedd collu, basta bit-*Tèssera* maħħom.

## Biedja

Sur Direttur,

Fil ûakt li nirringrazzjac mil cortesija li urejtni ghall moħriet il ġdid li inventat is-Società-Agraria, illum nispera li tiċċoncedeli ucoll ftit tal ûisa ghas-siġra tal ħarrub.

L'eûûel industrja li chellu il bniedem chienet il coltivazzjonj tar-raba, scond ma jirriżulta minn dac li chitbu Omeru u Senofonte ; u f'din il coltivazzjoni ma chienx jittrascura it-taħûil tas-siġar, anzi is-siġar chienu l'oggett ûisk għażiż tal imħabba tieghu, mhux biss ghall frott li minnhom chien jieħu, imma ucoll ghall ghaxka li fihom chienu isibu il menti u il kalb tieghu, b'mod tali li minghajr il ħdura tas-siġar il bniedem chien jidhirlu li il ħajja tieghu hia impossibbli, chif appuntu illum tghid ix-xienza.

Malta, il maħbuba gżira taghna, ma chienitx nieksa mit-taħûil tas-siġar, ghax l'eûlenin abitanti taħħa, il Fenici, flimchien ma daûc in-nazzjonijet collha li geû ighammru dan is-sabiħ scoll, bakghu jieħdu ħsieb it-taħûil tas-siġar u b'mod specjali ta siġar cbar, bħalma huma tal *ġandar,* tal *olmu,* tal *pin* u oħrajn, imma illum disgrazzjatament ma bakghelna lebda tifchira taħħom, ħlief memorja fil pagini ta li Storja. Meta beda jicber in-numru tan-nies, bdeû jittrascuraû, ichissru u jekirdu daûn is-siġar ta delizzju u ħadu ħsieb iħaûûlu siġar li jirrendu, bħalma huma per esempju is-siġar tal ħarrub, ghax il ûerak aħdar taħħom jatuħ b'ichel lill'annimali, il ûerak in-niexef jieħduħ ghaż-żibel u il ħatab ibieghuħ ghall'imħaret, ghax id-drieħ, is-sehem u il catuħa tal imħaret isiru mil ħatab tal ħarrub. Illum, però, daûn is-siġar kieghdin jonksu ucoll u f'xi inħaûi tal gżira taghna, specjalment lejn il Vant, ûaslu biex jispiċċaû ghal collox, mhux biss ghax ma humiex ixittlu, imma ucoll ghax xi gabillotti kieghdin ighidu li is-siġar tal ħarrub ma ghadhomx jirrendu bħal dari u il ħtija kieghdin jatuha lin-nukkas tax-xita, li daż-żmien ma ghadhiex taghmel bħaż-żmien antic. Dan hua żball, ghax jecc ûieħed jieħu ftit tal incommodu u imur ifittex fil cotba fejn kieghda tigi irregistrata l'ictar ċchejcna qûantità ta xita li kigheda taghmel fiż-żmienijet taghna hua isib li ftit u xejn hia id-differenza miż-żmienijet ta dari ghal ta 'llum. Ta min hia, mela, il ħtija ? Il ħtija ma hiex tax-xita, imma hia collha chemm hi tal bidûi, chif bir-ragjun collu ighid u isostni is-Sur Ûistinu Randun, il ghaliex il bidûi ma hux jati cont tal coltivazzjoni ta daûn is-siġar, ghax forsi jidhirlu li billi il ħarrub hua siġra selvaġġa ma ghandux bżonn tal coltivazzjoni, iżda dan hua żball, ghax qûalunque siġra biex tiffrotta ghandha bżonn il cura u frattant b'din il coltivazzjoni il ħarrub ma jafx. Haûn nistieden il cull min ghandu ġost jaghmel passiggiata sabiħa lejn l'inħaûi tas-siġar tal ħarrub biex hemm jicconferma il cliem tas-Sur Randun. Hemm jara li il ftit ħamrija li icollhom ma dûarhom, (meta icollhom) katt ma tigi imċakalka, katt ma tigi maghżuka, katt ma tigi imdemmla, iċaħħduha saħansitra minn dac il ftit gid li jista' jatiha il ûerak niexef li jaka mill'istess ħarruba, ghax il bidûi ftit żmien kabel ma jibda jaħrat il ħarrub, inaddaf taħt is-siġar collha minn qûalunque ûerka li icollhom taħthom. Imma x'gid jista jatiha lill ħarruba dan il ûerak? Dan il ûerak icun ta gid cbir lill ħarruba jecc jigi mirdum taħt il ħamrija, ghax allura jeħmer u meta jeħmer jiġbed mill'ajru certu spirtu imsejjaħ *azoto,* li hua ûieħed mit-tliet elementi meħtieġa ghall ghajxien tas-siġar, chif ighid il gharef Professur Martini.

Hemm jara li dan l'imbierec ħarrub generalment kieghed jigi miżbur minn idejn goffi jeû, biex nghid aħjar, minn idejn li m'humiex tas-sengha, ghax xi bdieûa minghajr ma jaħsbu fil proverbju malti li *l'ichel atih lil min jaf jieclu u ix-xoghol lil min jaf jaghmlu,* jidhrilhom li ma hemmx bżonn tmur titghallem is-sengha taż-żbir, ghax cullħadd jaf jiżbor ħarruba. Ma jaħasra din m'hix żabra, iżda ticsira, rovina u kirda ta siġra, ghax biex jarġa icollha daûc il frieghi icun hemm bżonn li ighaddu xi ftit snin ġmielhom. Hemm jara in-nukkas tas-siġar tal ħarrub irgiel (bghula tal ħarrub), li iservu biex bihom idaccru is-siġar nisa tal ħarrub, ghax minn xi żmien xi bdieûa il

daŭc il bghula lakkmuhom nisa u xi oħrajn chissruhom ghall ħriek. Fiż-żmien l'antic it-tidchira tal ħarrub chienet issir mill'istess bghula, li ŭieħed il-haun u ieħor il-hemm chienu icunu kalb il ħarrub u din it-tidchira chienet issir seŭŭa ŭisk, per mezz tan-naħal li geŭŭa Malta chellna bi qŭantità cbira, chif qŭantità cbira chellna ta ghasel, li Malta giet imsejjħa *Melita*, jigifieri gżira tal ghasel. Illum, però, din it-tidchira ma ghadhiex issir min-naħal direttament, mil bghula cioè ghall ħarrub li jaghmel il frott, ghax il qŭantità ta xehdiet tan-naħal taż-żmien antic ma ghadhomx jeżistu u ghal hecc floc in-naħal kieghed idaccar il gabillott.Imma chif? Il gabillott imur ma genb il baghal tal ħarrub, jifrex ix-xcora fl'art, jibda jakta iż-żahar, jitfa fuk ix-xcora u meta jidhirlu li ghandu kabda ġmielha, allura jiġbor l'imbierca xcora, jitfaħħa taħt aptu u jitlak biex imur idaccar. Imŭassal ma genb il ħarrubiet, jitfa ix-xcora fl'art, jimla idejħ biż-żahar u jibda idaccar, billi biċċa miż-żahar ikieghdu fuk xi frieghi, biċċa fuk il gebel u biċċa fuk xi pala tal bajtar: u chif jispiċċa, min ghaliħ icun daccar chif tmiss il ligi, li jibda jispera ġabra cbira ta ħarrub. Imma, jaħasra, meta jasal iż-żmien jara imkarrka li speranza tieghu u ma jistax icun xort'oħra, chif seŭŭa jirrifletti is-Sur Randun. L'eŭŭel-nett, ghax ftit ŭisk hua in-numru tan-naħal li jinsab kalb il ħarrub; fit-tieni loc, ghax, dac iż-żahar ŭara ftit ġranet jidbiel u allura in-naħal ma imissux iżjed; fit-tielet post, ghax il bidŭi generalment ma jafx liema hua iż-żahar tajjeb biex idaccar u liema le; u fl'aħħarnett, ghax minn dac iż-żahar li icun kata, ftit ŭisk icollu jisŭa biex idaccar, ghax il bidŭi minn mindu jaktghu sachemm ikieghdu fuk il ħarrub, chif ġà ghedt, iŭakkaghlu dic iż-żerriegha is-safra u dic hi li iddacar: u allura, chif ŭieħed jista jara, il bidŭi taghna ma jista katt jara sodisfatta li speranza u ix-xeŭka li icollu, jigifieri ġabra cbira ta ħarrub. U il ħtija ta min hi? M'hix tan-nukkas tax-xita, iżda hi collha chemm hi tal bidŭi, li jista ipoggi idu fuk sidru u ighid: *Mea culpa*. Jecc, però, il bidŭi taghna irid icollu ġabra cbira ta ħarrub, ghandu bżonn iŭarrab fil genb l'injuranza, billi jimita il bdieŭa antichi u billi itighem seŭŭa ir-riflessionijet sbieħ u irragjunati tas-Sur Randun, li fid-disgha ta April 1907, geŭ approvati u stampati mis-Società Economica Agraria u li huma daŭn: li jarġa jitraŭam numru cbir ta naħal fl'inħaŭi tal ħarrub, li jitnisslu u jixxittlu xi bghula tal ħarrub, li cull sena daŭn is-siġar jinżabru minn id tas-sengha u li jiġu imkassra daŭc il frieghi collha li iħoccu mal art u li il ħamrija ta ma dŭarhom tigi maghżuka, ghax ghażka, ighidu il bdieŭa taliani, tisŭa daks tiskija; u fl'aħħarnett li din il ħamrija tigi imdemmla ghall'inkas bil ŭerak niexef tal istess siġra, chif ghedt fuk. (*)Nixtiek ħafna li daŭn ir-riflessjonijet tas-Sur Randun jiġu milkugha mil bdieŭa taghna, l'eŭŭel-nett ghall gid u il prugress tal patrja u fit-tieni loc ghall'incuraggjament tas-Sur Randun, sabiex jissocta li studju li kieghed jaghmel fuk ir-raba u jibka jicteb daŭc il conferenzi sbieħ u meħtieġa li spiss kieghed jippresenta lis-Società Agraria, li taħħa hua membru u Direttur tal concorsi tal Bjedia.

Ghal-lum biż-żejjed u ghoddni dejjem isserv sincier u fidil tieghec

DUN VICENZ VASSALLO.

Ħal Tarxien, fis-26 ta April, 1912.

(*) Ma dan collu, aħna jidhrilna li il bidŭi ghandu jibda jaghmel ucoll ħaġ'oħra: u xtakna ŭisk li il ħabib Randun isemmaghna fukha il fehma tieghu: jidhrilna li jakbel ħafna chiecu il ħarrub ta Malta jibda jitlakkam bil ħarrub ta Skallija, li hu ŭisk actar ghammiel, bħala siġra; u bħala frott icbar u itieb minn taghna.

ID-DIREZZJONI.

## Bice Vassallo

Mil ħliek collha li ħarġu mid-dehen tal bniedem, forsi ebda ŭaħda ma thenni u issaħħar il klub actar mis-sengha sabiħa tal mużica. Mhux ta b'xejn li sa mill ibghad żmienijet, dina is-sengha giet imfittxa bl'acbar deŭha u miżmuma bħala l'oghla fost is-snajja l'oħra collha! Ghalhecc, f'cull pajjiż milkut mid-daŭl tat-taghlim, inti ghandec sgur tilmaħ gibda actar kaŭŭija lejn il ġmiel tas-seŭ ighaxxak tal mużica.

Malta, dina iċ-ċchejcna gżira taghna, fejn ix-xitel tad-dehen jarmi fjuri tal acbar fŭieħa, ma bakghet ankas l'ura f'din is-sengha, tant, li bosta minn uliedha geŭ imfaħħra mid-dinja collha ghall ħila cbira li ureŭ f'cull żmien bil chitba u it-taghlim ta din l'isbaħ fost is-snajja sbieħ.

Ma naħsibx li hemm bżonn infaccar l'ismjiet ta Isouard, li il mużica tieghu saħħret tant lin-nies ta Parigi, illi ŭara meŭtu giet minnhom imkieghda xbiha tieghu tar-rħam fit-teatru Opèra, ma genb daŭc tal gheref nies; ankas ta Azzopardi, li chien mhux biss fi żmienu, iżda ucoll illum, il mudell ta li scola tal mużica franciża; u ankas ta Curmi, li l'opri tieghu chienu isiru *San Carlu* ta Napli; u ta tant oħrajn, li ghall ħila taħħom f'din is-sengha, isimhom jikba ħajj fostna bla katt ma jintemm. Daŭna illum jafhom cullħadd u ghalhecc minn dan cullħadd jista jilmaħ ċar il ghakda u il ħeġġa li il Maltin chellhom dejjem ghall mużica.

Iżda culltant, f'xefak l'orizzont ta din il gżira, tfeġġ tilma xi cheŭcba li id-daŭl taħħa jisbok l'oħrajn collha u ighaġġeb u ighaxxak il cull min icollu ix-xorti jilmaħħa.

Min iħobb jakra fuk il mużica, jaf sgur chemm barra minn pajjiżna u l'actar fl'Italja, huma maghgjuba il *Cuncerti*. Daŭna actarx isiru minn nies cbar li icunu ħleŭ ħajjithom jistudjaŭ xi strument (actarx pjanu, vjolin, arpa jeŭ vjoloncell) u li tieghu isiru imbaghad l'acbar mghallmin. Minn żmien ghal żmien, isimhom jidŭi mad-dinja collha, ghall ħila li biha isiru idokku l'iżjed dakk iebes, minn dac li katt icun inchiteb ghal li strument taħħom.

Ŭaħda minn daŭn li fuk semmejna, hia iċ-ċchejcna BICE VASSALLO, bint is-Sur Mast Paŭlin, il Màstru di Cappella tal Catidral.

Tfajla ta tnax il sena, dħulija u fuk ruħħa, b'ghajnejha jiddu bid-dehen; tħossoc tinġibed lejha x'ħin biss tilmaħħa. Bice, tant żghira, ghadha ma tafx chemm ŭaslet il-kuddiem fis-sengha tal mużica! Dina ittfajla hia ŭaħda minn daŭc il cŭiecheb li ifiġġu culltant fis-sema safi tal gżira taghna, hia ŭarda minn daŭc li taf tati l'art ghammiela ta pajjiżna.

Imŭielda minn ŭieħed mill'acbar Mghallmin tal mużica moderna, il benniena ta din Bice chienet dejjem fost id-dakk u il cant, minn haŭn il bidu tal gibda u ix-xeħta taċ-ċchejcna Bice lejn is-sengha li taħħa illum hia il ghaxka u il ghageb.

Ghedt ghageb u xejn ma ghedt żejjed, ghaliex x'ħin Bice chien ghad chellha biss tmien snin, ghamlet l'eŭŭel *Cuncert* taħħa fit-teatru Manŭel kuddiem mijet ta nies li jifhmu; fejn dakket bċejjeċ ta mużica tal acbar aŭturi li cullħadd staghgeb biha. Dic il ġurnata ma tistax tghib minn moħħi; Bice ma chienitx ghola mit-tastiera tal pjanu u it-tislim ħelu taħħa ghall'applaŭsi ta dic il folla, ghaxxak il cullħadd.

Ghaddeŭ, minn dac in-nhar, erba' snin u Bice chibret fil ħila ŭisk iżjed milli cullħadd chien jistenna. Dana intŭira minnha nhar id-dsatax ta April li ghadda, geŭŭa it-teatru Rjal, fejn ghamlet il ħames *Cuncert* taħħa.

It-teatru chien mimli bħal bajda bl'aħjar nies ta pajjiżna u dana ŭira chemm iċ-ċchejcna Bice—li anche geŭŭa l'Italja giet imfaħħra mill'akŭa nies tal mużica—hia miżmuma bl'acbar kima minn cull min jifhem.

Bice, f'dan il *Cuncert*, dakket li stess bċejjeċ li fil *Cuncerti* ta Milan, Berlin u Pariġi idokku il pjanisti ta tletin sena carriera; tant li is-Sur Mast Cavalier Ubaldo Zanetti, direttur tat-teatru Rjal u pjanista mill'akŭa, kal lili stess, kuddiem bosta nies, ŭara li Bice dakket il *Campanella* ta Liszt: *Questa fanciulla é una meraviglia!* (Din tifla tal ghageb!)

Il ġurnata tibda biex tidher minn fil ghodu. BICE VASSALLO, li tant żghira tista' mn'issa tokghod mal acbar pjanisti ta barra, ghad ġurnata tkieghed isimha ma ta daŭc li ghall ħila taħħom ma imutu katt.

TANCREDI BORĠ.

# San Giorġ

— —

## Chitbulna:—

Sur Direttur,

Giè f'idejc l'*Immacolata* tal eŭŭel ta dan ix-xahar? Hemm articlu fuk *San Giorġ* li jati tas-seŭ aħbarijet sbieħ u jidher mictub minn ragel gharef li kara' ŭisk fuku. Iżda sibt biċċa fiħ li tatni fastidju: tghid hecc: «Id-dragun jigifieri id-demoniu, u ix-xebba jigifieri il cnisja li id-demoniu jrid jakbad u jiblagh, u li ghaligha S. Giorg iccumbatta u rebaħ bil martiriu tighu.» U tissocta: «Id-dragun jfisser ucoll id-dnub, li fuku S. Giorg gieb ir-rebħ, u ix-xebba tfisser ir-ruħ meħlusa mid-dnub.» Mela, fi ftit cliem, dan il Chittieb ġdid irid ighid li San Giorġ m'hux tas-seŭ katel dragun fix-xatt ta Beyruth u ħeles minnu il Principissa Margherita, bint is-Sultan ta dic il belt, chif tghid li Storja tieghu, ghax dac *id-dragun* u dic *ix-xebba* m'humiex ħlief *simblu*, m'humiex ħlief *xbiha* tad-demonju u tal Cnisja, jeŭ tad-*dnub* u tar-*ruħ!* Ara chemm hu hecc, li, fl'aħħar, dan il Chittieb ġdid gebbed ftit actar is-*simblu*, ŭassa' ftit iżjed ix-*xbiha*, u kal: «Id-dragun li narau taħt S. Giorg fil quadri u fil vari ta Malta u Ghaudex, nistghu nghidu li jfisser l'ghadu taghna, *it-Torc;* u ix-xebba tfisser *Malta bil gżejjer taghha*, meħlusa mit-Toroc per mezz ta S. Giorg li iccumbatta ghaligha!»

Dan chif?.... Mela, il *Ħajja ta San Giorġ* mictuba bit-taljan mis-Sacerdot De Fazy, li inti, Sur Direttur, klibt bil Malti ilu 38 sena u li aħna il Kormin nghożżuha bħal biċċa minn kalbna, ma tghidx is-seŭŭa? Mela, il priedchi li jen ili nisma minn ċcuniti (u inti taf li ghandi fuk is-sittin sena) collha chienu żbaljati? Mela, it-*Tielet Cap tal Ħajja ta San Giorġ* nistghu naktghuħ barra, ghax m'hux ghajr ħrafa?.... Mela, addiju belt ta Beyruth, addiju Principissa Margherita, addiju cnisja mibnija fuk il post fejn inkatel id-dragun, addiju 20 elf ruħ li saru insara dic in-nhar li 'nkatel, addiju ghajn tal ilma li ħarget, per mezz t'Alla, mill'artal mibni, ŭara il meŭt ta San Giorġ, f'dic ix-xtajta, u li cull min chien jixrob minnha chien jigi imfejjak mil mard tieghu!! Collox makluħ minn żnied il Chittieba tal *Ħajja ta San Giorġ*, chif irid ighid dan il Chittieb ġdid!

U ghidt *Chittieba*, ghax inti taf actar minni, Sur Direttur, li, barra mis-Sacerdot De Fazy, hemm bosta Chittieba oħra li kaluħ! U il *Curunella*, bl'Indulgenza moghtija mill'Iskof Pace–Fornu, u in-*Nihil obstat* tal gharef Cumbu, x'naghmlu bihom? Inkattghu collox?!

Ma nghidx li dac il miraclu — bniedem ŭaħdu joktol dragun li chien bażża' is-Sultan ta Beyruth bl'esercitu tieghu collu!— ma chienx gejj mn'Alla biex tidher il kaŭŭa tal Cnisja fuk id-demonju! Imma dan ma ifisserx li il miraclu ma ġara xejn!....

Imbaghd, hemm ħaġ' oħra: li stess Chittieb ġdid ighid li il Cnisja ta ħal Kormi inbniet fis-sena 1436, jigifieri 129 kabel il gŭerra ta Malta mat-Toroc (1565), li fiha deher San Giorġ, ma San Paŭl u ma Santa Acta, jiccumbatti. Mela, il Maltin chienu *bdeŭ jatuħ gieħ u jibnulu il cnejjes* ŭisk kabel id-dehra! U mhux *ghalhecc* (chif sostna dan il Chittieb ġdid) *ipinġuħ kieghed fuk żiemel* JICCUMBATTI DRAGUN: imma, l'eŭŭel nett, ghax chien *Gŭerrier* (GEORGIUS NOBILIS MILES); u, imbaghd, ghax katel tas-seŭ dragun. Il Baruni Deglare ighid li, mita mar Beyruth, *ra b'ghajnejħ il Cnisja li semmejna u is-siġra li maħħa San Giorġ* RABAT IŻ-ŻIEMEL *sa chemm tchellem mat-tifla tas-Sultan*!

Hemm, iva, is-*simblu* u ix-*xbiha*: iżda meħudin mil miraclu li ġara tas-seŭ, mhux dan il miraclu makluħ fukhom minn żnied il Chittieba antichi u muderni, chif irid ighid il Chittieb ġdid!

Collni tieghec, Sur Direttur,

Ħal Kormi, fis-6 ta Mejju, 1912,

G. B.

## Ma dûar il Gzira

—Ħareġ it-tieni ghadd tal *Messaggier Malti tal Kalb ta Gesù*, li xejn ma 'nzirta sabiħ inkas mill'eŭŭel ŭieħed. Fil bidu, fiħ *Xbiha ta Santa Cecilja* li ma tixbax tħares lejha u Ittra ta Monsinjur Portelli li tfarraġlec kalbec. Fost, imbaghd, l'articli sbieħ li hu mimli bihom, hemm it-*Tfajla zgheira* ta min jakraħ u jarġa' jakraħ. Nifirħu lid-Direttur tieghu, il gharef u ħabriechi Patri Grech: u nirriccmandaŭħ bil kalb collha lill karrejja taghna.

—IT-TBAĦĦIR, poeżija tal Professur Dun Carm Psaila—poeżija tas-seŭ!—sbatax il *Sàfficu* ta Professur li hu—inħalluha ghall'eŭŭel dehra ta ŭara din, biex natuha il post li jixirkilha u nilkmuha mill'aħjar li nistghu. Il Professur Psaila ried juri fiha chemm chibret is-sengha tal baħar mindu mixa l'eŭŭel darba il bniedem fuk il meŭġ, ġo zocc ta siġra 'mħaffer bħall meccuc: imm' aħna jidhrilna li ŭira ħaġ'oħra ucoll—ŭira chemm chibret il poeżija bil Malti mil ghana ta Taylor u sħabu sa 's-*Sàffici* tieghu! Min jifhem tas-seŭ ighidilna jidhrilniex ħażin!

—Mal lejl ta bejn it-tnejn u it-tlieta ta din il gimgha, ŭasal haŭn il maħbub Arci-Iskof taghna, li, chif ħabbarna, chien mar Ruma, biex jaghmel żjara lill'Imkaddes Papa. Meħba biħ ir-Raghaj ta ruħna, li, b'81 sena fuk spallejħ, ghadu bil kaŭŭa collha ta moħħu u ta gismu. Donnu Alla l'imbierec irid jatiħ fi xjuħitu dac collu li tixtiek kalbu.

—L'articlu sabiħ li giena fuk il *Cunferenza* ta Monsinjur Farrugia, 'mħabba innukkas tal ŭisa, icollna inħalluħ ghal darba oħra—chif ucoll ir-Rumanz li iddaŭŭar ŭisk din id-darba.

Mil LUCERNA TAL HAJJA.—7. Cun dejjem ħafif biex tisma u tkil u iebes biex titchellem.

## Ma dûar id-dinja.

—Ġà ghaddeŭ seba' xhur, u nistghu nghidu li il gŭerra bejn l'Italja u it-Turchija ghadha tibda. Takbida seŭŭa ghadha ma saritx, ħlief l'Italja cull ftit ġranet takbad issa belt u issa ġżira.—Il gimgha li ħarġet l'Italja ħadet Lebda ħdejn Mergheb, fi Tripli, fejn chellha fizzjal u seba' suldati mejtin, u żeŭġ fizzjali u 54 suldat feruti, mentri it-Torc ħalla mat-tliet mija mejtin—u ħadet ucoll il ġzira ta Rodi, li taħħa l'Iskof taghna ghandu it-titlu ta Arci-Iskof.

—Sa fl'aħħar nett,it-Torc,ŭara protesti cbar tal Potenzi, u fuk collox tar-Russja, fetaħ id-Dardanelli u ġabar u genneb il mini tal baħar—iżda bi tŭissija illi jarġa jaghlakhom malli icun hemm bżonn.

—B'daŭna il mini ġà ġraŭ żeŭġ disgrazzi. Ŭaħda fl'istess Dardanelli fejn lancja tal Gvern Torc b'erba' fizzjali u tmien suldati, fil ŭakt li chienu jiġbru jeŭ ighakkdu il mini, laktu ŭaħda minnhom li tajjrithom u saru bċejjeċ. Vapur ieħor, taħt bandiera Americana, it-Texas, li fit-tnejn tax-xahar telak minn Smirni, min ighid b'mija u ħdax il passiggier u min bi tliet mija, minghajr bdot, u ghaldakstant hua ħa rotta ħażina—ma nafux seŭ jecc hu ħabat ma mina u tar fl'arja jeŭ bomba mil fortizza torca laktitu u xpacca il caldarun.—Dac li nafu sgur hu li gherek, imma ħafna salvaŭ u fosthom jinsab il Captan tal Vapur.— Il Consli ta Franza u tal Aŭstrja, fetħu li Sptarijet taħħom ta Smirni ghall feriti.

—F'Berlin, giet composta *film* jeŭ *pellicula* li ma takbadx. Dina hia ħaġa tajjba ŭisk, il ghaliex jonkos ħafna biża u jonksu ħafna disgrazzi ucoll.

—Creta, raġa hemm it-taħŭid.—Id-deputati tal Consill ftehmu li imorru Atene, sabiex jidhru ilcoll kuddiem il Camra Griega u jitolbu lid-deputati taħħa li jaraŭ chif jaghmlu biex Creta tigi mill'actar fis meħlusa mil jasar tat-Torc u jinghakdu mal Grecja.—Bosta chienu ġà ŭaslu fil Grecja—oħrajn chienu ghadhom iridu imorru.— Tmintax minn daŭna telku minn La Canea, fuk vapur grieg, iżda dana giè imŭakkaf mill'incrocjatur Ingliż *Minerva* li spara contra tieghu tliet tiri bil porvli.— Il vapur Grieg chellu jarġa l'ura u it-tnax il Deputat flimchien mal Captan geŭ arrestati u imbaghd imkassmin fuk tliet biċċiet tal Gŭerra: il Captan, ŭara ftit, giè meħlus.— Il Vapur Grieg compla ghall Retino, imma billi hemm chellu ighabbi 29 Deputati oħra, giè mghasses minn żeŭġ torpedinieri.—Il populazjoni ħabtet tirvilla.

—Vedrims, tant maghruf fi Franza bħala avvjatur, chellu itir sa fuk Madrid;telak minn Donai, fil ħamsa ta fil ghodu: iżda fis-sitta u qŭart, minn gholi ta actar minn mit kasba, ŭaka ħdejn Parigi. Ŭara il ŭakgha, ankas ma chien jingharaf, b'ŭiċċu imħassar collu u rasu 'mfarrca. Ftit tàma hemm li hu jista ifiek.

L. M. C. G.

## Tifsir ta' xi Cliem Malti

*Nitfa*. Chelma ħierġa mil-verb *nitef, jintef, tintef*, u tfisser (1) chemm xaghar, suf, rix jista' ŭieħed *jintef* f'gibda ŭaħda b'żeŭġt isŭaba, u ghalhecc (2) ftit.

*Dari*. Mil verb *dàra, jidra, tidra*, u tfisser (1) *mdorri, sôltu*. Ara: *ma nmurx fejn* DARI NIDNEB, *naħrab ucoll minn dac collu li* DARI JUAKKAGHANI *fid-dnub*; (2) *żmien ilu, fl'antic*. Ara: Mux illum, dari. *Dari, fi żmien is-Saracini, il Maltin chienu*. . .

Illum il-ġurnata ftit fadal min jinkeda bil chelma *dari* bl' eŭŭel tifsira: ftit fadal li jghidulec: *dari jcun fil-bieb* ħoc *sôltu jcun fil-bieb*.

Billi leħen l-ittra *i* tal chelma *dari* u leħen l-ittra *j* tal chelma *juakkagħni*, ŭara xulxin chif in-huma, jistemgħu leħen ŭieħed, xi uħud jieħdu daŭn iż-żeŭġ chelmiet b'*dari ŭakkagħni*. Dan żball ċar, ghax li chien hecc, ghax ma ngħidux: *fejn dari dnibt?*

*Fost*. Mil-gharbi *fi ŭast*, li tfisser *f'nofs*.

*Bħâl*. Mil-gharbi *bi ħâl*. *Bi* kieghda floc *fi*, bħalma l-chelma *bi* taghna ta' meta nghidu *ma jemminx b'Alla*, *ma jemmen b'xejn*, kieghda floc *fi*; *ma jemminx f'Alla*, *ma jemmen f'xejn*: u *ħâl* tfisser *stât*. Ara: *X'ħâlec* tal gharab li tfisser *x'aħbârec, chif int?* Ghalhecc *Dan narah bħal dac* tfisser *dan narah bil-ħâl*, jeŭ *fil ħal, ta' dac*; jigifieri: *fli-stat ta' dac*.

*Kamħet il-leŭn*. Makluba minn *leŭn il kamħa*.

*Miet kasir il-ghomor*. Mkassra minn *miet f'kasir il-ghómor* jeŭ *fil-kasir tal-ghómor*. Il-gharbi ghandu ghamla ta' din: *fi kadim iż-żamân*, li, chiecu aħna, nkassruha *f'kadim iż-żmien*. Tfisser: *dâri: żmien ilu*.

*Talhaŭn*. Tinghad lit-trabi u tfisser *ejja l'haŭn*. *Tagħal* hi chelma gharbija u tfisser *ejja*: aħna nkassruha u nagħmluha *tal*, bħalma *bâghad* inkassruha f'*pit* ta' *pitgħada*.

G. VASSALLO.

## Il Fraûli

Chif ghandha tittiechel il fraŭli?....

Is-Sinjurini delicati, daŭc li bil-chemm ma jitħajjrux jieclu bil gŭanti u biex jakbdu pi-żella bil ponta tal furchetta donnhom jibżghu li sejjra tfakka, iniddu il fraŭli bi ftit raxx irkik tal ilma inġazzat: xejn actar: imma il ħaddiema, mita jistghu idukuha, ighaŭmuha fl'inbid tal ġurnata. Is-Sinjurazzi, bi cburija, iroxxulha fukha ix-xampanja: u is-scaren ighaddsuha fiż-żambur. It-Tedeschi iriduha bil *chirx*, xorb kaŭŭi u ħarr: u il Belgjani bil ġnibru.

Hemm min jiecol il fraŭli imxarrba bil marsala u hemm min jiecolha mgharrka fil maraschin. Bosta jużaŭ jaghsru fukha il lumi kares u bosta oħrajn il merak tal arinġ ħelu. L'Ingliżi iħobbuha mghottija bil crema: u it-tfal actarx ighaffġuha maħħa, li tigi bħal bakta ħamra.

Ighidu li l'aħjar mita tgherbibha kalb iz-zoccor misħuk tajjeb u isseŭŭiha b'erba' katriet ħall. Il Maltin ighaddu fiha ŭisk bl'inbid u iz-zoccor: imma haŭn ucoll min jixħitha fil ħalib. Ir-Re Ŭigi Tmintax, li chien ħabib tal fraŭli u chien jaf jiecol, chien iridha biz-zocc: u, bla ma iħaŭŭarha b'xejn, chien jakbadha ŭaħda-ŭaħda b'iċu u jislitha mizzocc bi snienu, chif tigi mil ġnien.

Itolbu ghar-ruħ għażiża ta **Duminku Fenech**, ŭieħed minn taċ-*Circlu Mandolinisticu Bellini* tal Imsida, li, ŭara marda kasira, miet il gimgha l'oħra, ta 23 sena. Chien żaghżuħ ta ħajja tajjba u maħbub minn cull-ħadd,

M. D.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

### XARADA

Min ghandu l'*eŭŭel*— jibza' mit-*tieni*,
ghax, ghad li *collu*—u imbierec mn'Aila,
it-tokol tieghu—ma iħallicx hieni.

A.M.G.

L'aħħar *Ghidli min jen!* chien:

### BRIMBA.

Giebuħ tajjeb: mil Belt, is-Sinjuri Franġiscu Gatt, Saver Sammut u Rosarju Mizzi—mill'Isla, G. B. A.—u mil Ħamrun, is-Sur Alfredu Perez.